



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 9 ta' Jannar 2024

CM 1051/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0359(NLE)

**PECHE
PROCED
UK
N**

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	LIFE.Fisheries@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32 2 281 8174
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 - Awtorizzazzjoni biex tintuża l-proċedura bil-miktub - Adozzjoni tar-Regolament - Approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni = BIDU TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Presidenza ddeċidiet li tniedi proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif jinsab fid-dokumenti ST 16570/23 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 REV 1.

Jekk jogħġbokom indikaw:

- 1) Jekk taqblux li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA jew LE.

- 2) Jekk taqblux mal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif jinsab fid-dokumenti ST 16570/23 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 REV 1.

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

- 3) Jekk taqblux mal-abbozz ta' dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif jinsabu fid-dokument ST 5027/24 REV 1.

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali li mhix inkluża fid-dokumenti ST 5027/24 REV 1 + ADD 1 għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsijiet.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, malajr kemm jista' jkun, u **mhux aktar tard mill-Erbgħa, 10 ta' Jannar, fil-11:00 (ħin ta' Brussell)**. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil LIFE.fisheries@consilium.europa.eu.
